

# SIR FERDINANDO INGLOTT (1820 – 1893) U L-KWADRU TITULARI TA' STELLA MARIS

*Kitba ta' John Bisazza*

Ferdinando Inglott twieled l-Isla f'l-1820. Minkejja li kellu karriera twila f'diversi oqsma, l-iżjed li kien għamel suċċess kien mis-sena 1859 l-Gvernatur Gaspard Le Marchant ħatru bħala Kontrollur tal-Istituzzjonijiet tal-karita'.





Kien jgħix il-belt Valletta iżda kien migbud ħafna lejn tas-Sliema l-iżjed lejn il-Knisja l-ġdida ta' Stella Maris. Huwa wisq probabbli li kien iqatta ix-xhur tas-sajf ġewwa tas-Sliema fid-dar nru.79 Triq it-Torri fejn miet fil-25 ta' Ottubru 1893.

Inglott kellu x-xewqa li l-kwadru titulari impitter minn Raffaele Caruana li tpoġġa f'postu wara li infetħet il-Knisja f'l-1855, u li illum jinsab fis-sagristija. F'l-1877 għamel kuntatt mal-pittur magħruf Taljan Pietro Gagliardi li dak iż-żmien kien diġa wettaq xi xogħolijiet f'xi knejjes Maltin, biex ilestilu buzzett għal kwadru titulari gdid. Wara xi xhur ircieva l-buzzett flimkien ma'ittra li kienet tiddeskrivi l-kompozizzjoni tal-pittura. Għalkemm għal raġunijiet imsemmija fil-paragrafu li jmiss, din il-pittura spiċċat ma saritx, żgur li serviet bħala bażi għad-disinn tal-vara ta' Stella Maris li inġiebet minn Franza f'l-1891 minħabba x-xebh tal-kompożizzjoni. Hija ħaga kurjuża tassew kif il-buzzett tal-pittura kien spiċċa f'idejn l-iskultur tal-vara.

Inserta li dik il-ħabta Inglott sar jaf li fil-kannirja tal-Knisja ta' San Duminku fil-belt Valletta, kien hemm pittura ta' pregju abbandunata li tirrappreżenta lil Madonna ta' Porto Salvo esegwita f'l-1583, u li mogħti lil Knisja bħala rigal mill-Kavallier Vincenzo Caraffa li jidher għarkobbtejh fuq il-lemin tal-pittura. Il-pittura kienet isservi ta' kwadru titulari sal-1843. Inglott xtara l-pittura, u wara li hu stess ha ħsieb ir-restawr tagħha ippreżenta lill-Knisja ta' Stella Maris li sadanittant kienet ġiet imkabbra (1876-1878) u saret l-ewwel parroċċa ta' tas-Sliema

Għal bidu kien maħsub li l-pittura kienet xogħol il pittur Taljan Paladini, iżda l-istoriku Dumnikan Patri Indri Vella (1918-1988) jattribwixxi x-xogħol lit-Taljan Marc Antonio. Li hu żgur hu li bosta kritiċi tal-arti jiddeskrivu dan ix-xogħol bħala wieħed ta' valur artistiku għoli, u ta' dan għandna għax inkunu grati lejn **Sir Ferdinando Inglott** li jista' jiġi meqjus bħala wieħed mil-benefatturi ewlenija tal-Knisja ta' Stella Maris.